# Dun Anġelo Buttigieg 1926 – 2011



***Loreto Galea***

Dun Anġelo Buttigieg, magħruf aħjar bħala Dun Anġ, twieled nhar l-20 ta' Ġunju 1926 fir-raħal tal-Qala. Bin Pawlu u Sunta Buttigieg, kien l-uniku tifel minn erba' aħwa li lkoll mietu qablu. Dawn kien jisimhom Marija, Rożina u Rita.

Wara li temm l-edukazzjoni primarja fl-iskola tal-Qala, beda l-kors għas-saċerdozju fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù tar-Rabat Għawdex. Hemm għamel erbatax-il sena; seba' snin bħala student u seba' snin oħra bħala seminarista. Dun Anġ Buttigieg studja fuq is-suġġetti tat-Teoloġija u l-Filosofija. Nhar is-Sibt, 9 ta' April 1955, kien ordnat saċerdot mill-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, isqof t' Għawdex ta' dak iż-żmien u qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu fil-Knisja Parrokkjali tal-Qala nhar il-Hadd, 8 ta' Mejju 1955. L-ewwel sentejn tas-saċerdozju tiegħu qattagħhom fis-Seminarju kemm bħala għalliem, kif ukoll bħala prefett tat-tfal.



Wara dawn is-sentejn, Dun Anġ aċċetta t-talba tal-Isqof Pace u mar iwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fir-raħal t'Għajnsielem. Fir-raħal tagħna, Dun Anġ serva bħala viċi-parroku. Kien fdat ukoll bħala kummunier, li kien dak il-persuna li jieħu ħsieb il-quddies u l-funerali tar-raħal. Kien ukoll sagristan, u ġieli ta daqqa t'id fl-armar tal-festi esterni. Kemm dam Għajnsielem, Dun Anġ kien jgħallem ukoll id-duttrina lit-tfal u l-adoloxxenti. Kien jgħin lil Dun Karm Cassar fil-ħidma tiegħu fiċ-Ċirklu kif ukoll fl-organizzazzjoni ta' ħarġiet li kien jagħmel lill-abbatini. In-nies kienu jfittxuh ħafna bħala konfessur u kien ukoll predikatur mill-aqwa. Fit-tmien snin ta' ħidma pastorali fir-raħal t'Għajnsielem, kien jieħu ħsieb u jassisti wkoll lill-moribondi. F'Għajnsielem, hu kien sab it-tieni familja tiegħu u l-poplu urieh rispett u mħabba kbira.

Fis-sena 1965, meta l-parroċċa tal-Qala ġiet elevata għat-titlu ta' Parroċċa Arċipretali, Dun Anġ kien mitlub li jirritorna f'raħal twelidu. Fil-parroċċa tal-Qala, hu kien jagħmilha ta' viċi-parroku u sagristan maġġur, fejn kien jieħu ħsieb il-knisja fil-bżonnijiet kollha tagħha. Dan is-saċerdot għamel żmien ukoll iservi f'diversi parroċċi oħra f'Malta bħal fil-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Hal Qormi, fil-Parroċċa tal-Vitorja fil-Mellieħa, f'dik ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ u f'diversi parroċċi oħra.

Dun Anġ Buttigieg miet nhar id-9 ta' Frar 2011 fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, fejn kien ilu rikoverat u residenti għal aktar minn tnax-il xahar. Kien għalhekk xieraq li nhar is-Sibt 12 ta' Frar 2011, il-poplu tal-Qala jagħtih tislima xierqa. Il-banda tar-raħal *Ite ad Joseph* akkumpanjat il-korteo li beda minn ħdejn l-iskola primarja tar-raħal sal-Knisja. Il-Konċelebrazzjoni Funebri, li saret fil-parroċċa ta' San Ġużepp fil-Qala stess, kienet immexxija minn Mons. Mario Grech, isqof tad-Djoċesi t'Għawdex, flimkien ma' numru sabiħ ta' saċerdoti minn diversi parroċċi. Numru sabiħ t'Għajnselmiżi attendew għal din il-quddiesa. Wara saret id-difna tiegħu fiċ-Ċimiterju tar-raħal.

*Hajr lis-Sur Euchar Mizzi*
*tad-diversi informazzjoni mogħtija.*